# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 27 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 224/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Theuma (Thewma)**
**Emanuel Theuma (Thewma)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Theuma[1] u Emanuel Theuma talli fis-26 ta' Awwissu, 1998, u fix-xhur qabel id-data tac-citazzjoni[2],

**(1)** ezercitaw sengha ta' mastrudaxxa fil-fond bla numru u bla isem fi Triq Gajdoru, Xaghra, Ghawdex, li mhux kopert bil-permessi ta' l-awtoritajiet kompetenti biex fih isir xoghol ta' injam;
**(2)** aktar talli fl-istess fond haddmu makkinarju li mhux illicenzjat li jithaddem hemm; u
**(3)** dejjqu l-mistrieh tal-girien bil-hsejjes li jaghmlu l-istess makkinarju;

L-ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija tordna t-tnehhija tal-inkonvenjent taht penali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta' Novembru, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Joseph Thewma u Emanuel Thewma mhux hatja skond it-tielet imputazzjoni u ghalhekk illiberathom minnha, izda sabithom hatja skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet u kkundannathom ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Joseph Thewma u Emanuel Thewma, minnhom ppresentat fl-10 ta' Dicembru, 2001, li permezz tieghu talbu r-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

---

[1] Fic-citazzjoni l-kunjom taz-zewg imputati hu migjub bhala "Thuema". Dan hu evidentement *lapsus calami*.
[2] Ic-citazzjoni ggib id-data tal-10 ta' Settembru, 1998.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Dana l-appell huwa prattikament identiku ghall-appell numru 226/2001G li ghadu kif gie deciz aktar kmieni fl-udjenza tal-lum stess. Addirittura l-appellanti ghandhom anke l-ilment dwar l-aluminium, minkejja li f'dina l-kawza l-ewwel imputazzjoni ma ssemmix xoghol ta' aluminium izda biss xoghol ta' mastrudaxxa. Il-provi – inkluza r-relazzjoni tal-perit tekniku Henry G. Baker – huma l-istess provi migjuba ghall-finijiet tal-kawza 226/2001G. L-unika differenza hija fil-periodu inkriminat.

Ghalhekk din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha llum fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Thewma u Emanuel Thewma*** (App. Nru. 226/2001G) u in partikolari ghall-motivazzjonijiet tal-istess sentenza; u ghall-istess ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza, tichad l-appell fil-kawza 224/2001G u tikkonferma s-sentenza appellata.

A. Testone
Deputat Registratur